**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 56/12VG**

**XXX**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**

**Illum 26 ta' Lulju 2017**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat minn XXX fl-14 ta' April 2005 quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, in segwitu trasferit quddiem dan it-Tribunal, permezz ta' liema jitlob li t-Tribunal jirrevoka, ihassar u jannulla l-interpellazzjoni maghmula mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fil-konfront tieghu permezz ta' l-avviz datat 11 ta' Marzu 2005 u jiddikjara li huwa ghandu jinghata smigh xieraq u jkollu access ghal tribunal indipendenti w imparzjali sia ai termini tal-principji ta' gustizzja naturali u sia ai termini tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta, bl-ispejjez kontra l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud;

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur ossia: (i) l-aggravji fuq liema r-Rikorrent jibbaza r-Referenza minnu mressqa quddiem it-Tribunal; (ii) ittra indirizzata lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud datata 7 ta' April 2005; u (iii) l-avviz mibghut mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud datat 11 ta' Marzu 2005;

Ra l-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fit-28 ta' Novembru 2006;

Ra r-Risposta tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ipprezentata fit-8 ta' Gunju 2012, permezz ta' liema fl-ewwel lok jirrileva li t-titolu ta'

Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud inbidel ghal Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) in forza ta' l-Att XXII ta' l-2011 u ghaldaqstant jehtieg li ssir id-debita korrezzjoni, u jopponi ghat-talbiet tar-Rikorrent u jitlob li l-istess jigu michuda, bl-ispejjez kontra r-Rikorrent, stante li: (i) ir-Rikorrent kellu kull dritt li jsegwi l-proceduri ta' l-appell istitwit mis-socjetà Priceclub Operators Limited kontra stimi mahruga fil-konfront taghha mill-Kummissarju, izda jirrizulta li d-Diretturi tas-socjetà ma ghamlux komunikazzjoni ma' l-istralcarju tas-socjetà u lanqas tawh *statement of affairs*. Huwa obbligu tad-Diretturi tas-socjetà li jsegwu l-appell intavolat quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u jekk ir-Rikorrent, *qua* Direttur tas-socjetà, naqas milli jaghmel dan ma jistax illum jilmenta minn ksur tal-principji ta' gustizzja naturali u tad-dritt ghal smigh xieraq moghti lilu mill-Kostituzzjoni u taht l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta; kien jispetta lilu li jezercita tali drittijiet liberament fil-konfront tal-Kummissarju; (ii) ir-Rikorrent ma jistax jippretendi li jinheles mill-obbligi solidali tieghhu *qua* Direttur fil-konfront tas-socjetà Priceclub Operators Limited a bazi ta' l-allegazzjoni li agixxa in buona fede u dana billi mis-sentenzi fl-ismijiet "Victor Zammit v. Kummissarju tat-Taxxa dwar il-Valur Mizjud et" Rik. Nru. 519/05 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Ottubru 2009 annessa mar-Risposta bhala Dok. "A" a fol. 37 sa' 50, "Dr. Andrew Borg Cardona noe v. Victor Zammit et" Rik. Nru. 27/03 deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-12 ta' Ottubru 2007 annessa mar-Risposta bhala Dok. "B" a fol. 51 sa' 73 tal-process u "Dr. Andrew Borg Cardona et v. Victor Zammit et" Rik. Nru. 26/03 deciza fl-14 ta' Mejju 2010 annessa mar-Risposta bhala Dok. "C" a fol. 74 u 75 tal-process, ampjament jirrizulta li dan ma kienx il-kaz. Jirrizulta b'mod car li r-Rikorrent ma jgawdi minn ebda beneficcju taht l-Artikolu 66 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta stante li nstab hati mad-Diretturi l-ohra ta' *fraudulent trading* fil-konfront tal-kredituri tas-socjetà Priceclub Operators Limited; u (iii) it-Tribunal ma huwiex il-forum idoneju biex jilqa' t-talba kontenuta fit-tieni paragrafu tar-Rikors stante li dan it-Tribunal (u l-Bord qablu) ma jistax jinibixxi lill-Kummissarju milli johrog Mandati ezekuttivi. Quddiem dan it-Tribunal ir-Rikorrent ma jistax jerga' jiftah proceduri ta' appell li ghaddew in gudikat fl-2004 billi jallega nuqqas ta' smigh xieraq u ksur tal-principji tal-gustizzja naturali. Apparte minn hekk it-terminu ta' l-appell ilu li skada u se mai ai termini tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta kellu jsir quddiem il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri);

Ra d-dokumenti annessi mar-Risposta markati Dok. "A" sa' Dok. "F" a fol. 37 sa' 93 tal-process;

Sema' x-xhieda ta' Carmen Camilleri ex-segretarja tal-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud moghtija waqt is-seduta tal-11 ta' Gunju 2015[1] u ra l-process ta' l-appell fl-ismijiet "Priceclub Operators Limited v.

[1] Fol. 126 tal-process.

Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud" Appell Nru. 18/02 deciz mill-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fit-22 ta' Gunju 2004 esebit minnha bhala Dok. CC1", sema' x-xhieda ta' Roderick Zammit Randich in rapprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi moghtija waqt is-seduta tal-11 ta' Gunju 2015[2] u ra d-dokumenti esebiti minnu markati Dok. 1 sa' Dok. 3 a fol. 117 sa' 125 tal-process, sema' x-xhieda tar-Rikorrent moghtija waqt is-seduti tal-11 ta' Gunju 2015[3] u tat-18 ta' Frar 2016[4] u x-xhieda ta' Joseph Attard in rapprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi moghtija waqt is-seduta tas-16 ta' Novembru 2015[5] u ra d-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "JA1" u Dok. "JA2" a fol. 136 sa' 140 tal-process, sema' x-xhieda ta' Roderick Sultana in rapprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi moghtija waqt is-seduta tat-2 ta' Mejju 2016[6] u ra s-sentenzi esebiti minnu markati Dok. "A" sa' Dok. "D" a fol. 153 sa' 161 tal-proess u sema' x-xhieda ta' Dr. Andrew Borg Cardona moghtija waqt is-seduta tat-18 ta' Lulju 2016[7];

Sema' t-trattazzjoni orali da parte tad-difensur tar-Rikorrent u ra n-Nota Responsiva tal-Kummissarju tat-Taxxi a fol. 172 sa' 177 tal-process;

Sema' t-trattazzjoni orali finali da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrent jikkontesta interpellazzjoni ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' Lm326,154, illum ekwivalenti ghal €759,734.45, rapprezentanti taxxa, multi amminsitrattivi w interessi dovuti mis-socjetà Priceclub Operators Limited., maghmula lilu *qua* Direttur ta' l-imsemmija socjetà mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud permezz ta' avviz datat 11 ta' Marzu 2005[8]. Huwa jitlob li l-imsemmija interpellazzjoni ghall-hlas tigi revokata, imhassra w annullata u minflok jigi dikjarat li huwa ghandu jingahta smigh xieraq u jkollu access ghal tribunal indipendenti w imparzjali ai termini tal-principji ta' gustizzja naturali u ai termini tal-Kostituzzjoni u ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, Kap.319 tal-Ligijiet ta' Malta. Ir-Rikorrent jibbaza t-talba tieghu fuq is-segwenti aggravji: (i) in vista tal-fatt li *qua* Direttur tas-socjetà Priceclub Operators Limited huwa jista' jinzamm responsabbli ghall-hlas ta' l-ammonti dovuti mill-imsemmija socjetà lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, huwa kellu jinghata l-opportunità li jinstema' u li jikkontesta l-proceduri li ttiehdu kontra l-istess socjetà. Huwa kien ikun f'posizzjoni li jressaq provi w argumenti validi kontra l-

[2] Fol. 127 sa' 130 tal-process.
[3] Fol. 131 sa' 134 tal-process.
[4] Fol. 144 sa' 151 tal-process.
[5] Fol. 141 u 142 tal-process.
[6] Fol. 161 tal-process.
[7] Fol. 166 sa' 168 tal-process.
[8] Anness mar-Rikors promotur.

pretensjonijiet dedotti mill-Kummissarju kieku inghata tali opportunità. L-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ma jipprovdi xejn fir-rigward u ma jipprovdi ghal ebda dritt ta' smigh xieraq f'tali cirkostanzi, dritt li huwa sancit kemm ai termini tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll ai termini ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, Kap.319 tal-Ligijiet ta' Malta; (ii) indipendentement minn kull dritt ta' smigh xieraq fil-proceduri li ttiehdu fil-konfront tas-socjetà Priceclub Operators Limited, a tenur ta' l-Artikolu 66(5) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, rapprezentant tat-*taxpayer* huwa solidalment responsabbli mieghu ghat-taxxa dovuta minnu sakemm ma jkunx agixxa in *buona fede* u jkun xjentement ikkontravjena s-subartikolu (4) ta' l-imsemmi artikolu tal-Ligi jew kull obbligazzjoni ohra taht l-istess Att, f'liema kaz ir-responsabilità tieghu xorta ghandha tkun limitata ghall-flus jew ghall-valur tal-proprjetà li huwa jkun qieghed jamministra jew jikkontrolla. B'hekk sabiex jigu stabbiliti ir-responsabilitajiet personali tieghu *qua* rapprezentant tat-*taxpayer*, is-socjetà Priceclub Operators Limited, jehtieg ezami tal-fatturi elenakti fis-subartikoli citati, f'liema ezami huwa ghandu dritt ghal smigh xieraq, liema dritt jigi vvjolat f'kaz li l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud jghaddi ghall-hrug ta' Mandati Ezekuttivi fil-konfront tieghu, hekk kif indikat fl-avviz tal-11 ta' Marzu 2005. Dan huwa punt ta' ligi li ma johrogx mill-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, li ma jipprovdi ghal ebda dritt ta' smigh f'kazijiet simili, izda li johrog mill-principji ta' gustizzja naturali kif ukoll mid-dritt ghal smigh xieraq li huwa jgawdi ai termini tal-Kostituzzjoni u ai termini ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, Kap.319 tal-Ligijiet ta' Malta.

Waqt is-seduta tat-28 ta' Novembru 2006 id-difensur tar-Rikorrent spjega li t-talbiet tar-Rikorrent huma bbazati fuq is-segwenti punti: (i) l-ewwel punt – illi wara li harget l-istima u sar l-appell, l-appellant bhala wiehed mid-diretturi qatt ma gie kkonsultat mill-likwidatur jew mill-Kummissarju tal-VAT dwar il-kaz u lanqas inghata l-opportunità li jidher, jitkellem jew jaghmel xi sottomissjonijiet waqt is-smigh ta' l-appell tas-socjetà Priceclub Operators Limited, li taghha legalment kien ghadu direttur. F'dan il-lok l-appell ghandu jerga' jinstema' mill-gdid minhabba li ma kienx hemm smigh xieraq; (ii) it-tieni punt – illi jekk wiehed iqis bhala maghluq il-kaz imsemmi, ossia Priceclub Operators Limited v. Kummissarju tal-VAT, fuq liema bazi l-appellanti XXX gie responsabbli li jhallas l-ammont dovut lill-Kummissarju tal-VAT?; u (iii) it-tielet punt – illi hemm fondi f'idejn il-likwidatur li bihom tista' tithallas it-taxxa tal-VAT dovuta u li ghalihom irid jirrispondi l-istess likwidatur.

Fir-Risposta tieghu ghar-Referenza tar-Rikorrent, id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) fl-ewwel lok irrileva li t-titolu ta' Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud inbidel ghal Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) in forza ta' l-Att XXII ta' l-2011 u ghaldaqstant jehtieg li ssir id-debita korrezzjoni w in segwitu ghadda biex jopponi ghat-talbiet tar-Rikorrent u jitlob li l-istess jigu michuda stante li: (i) ir-Rikorrent kellu kull dritt li jsegwi l-proceduri ta' l-appell istitwit mis-socjetà Priceclub Operators Limited kontra

stimi mahruga fil-konfront taghha mill-Kummissarju, izda jirrizulta li d-Diretturi tas-socjetà ma ghamlux komunikazzjoni ma' l-istralcarju tas-socjetà u lanqas tawh *statement of affairs*. Huwa obbligu tad-Diretturi tas-socjetà li jsegwu l-appell intavolat quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u jekk ir-Rikorrent, *qua* Direttur tas-socjetà, naqas milli jaghmel dan ma jistax illum jilmenta minn ksur tal-principji ta' gustizzja naturali u tad-dritt ghal smigh xieraq moghti lilu mill-Kostituzzjoni u taht l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta; kien jispetta lilu li jezercita tali drittijiet liberament fil-konfront tal-Kummissarju; (ii) ir-Rikorrent ma jistax jippretendi li jinheles mill-obbligi solidali tieghhu *qua* Direttur fil-konfront tas-socjetà Priceclub Operators Limited a bazi ta' l-allegazzjoni li agixxa in buona fede u dana billi mis-sentenzi fl-ismijiet "Victor Zammit v. Kummissarju tat-Taxxa dwar il-Valur Mizjud et" Rik. Nru. 519/05 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Ottubru 2009 annessa mar-Risposta bhala Dok. "A" a fol. 37 sa' 50, "Dr. Andrew Borg Cardona noe v. Victor Zammit et" Rik. Nru. 27/03 deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-12 ta' Ottubru 2007 annessa mar-Risposta bhala Dok. "B" a fol. 51 sa' 73 tal-process u "Dr. Andrew Borg Cardona et v. Victor Zammit et" Rik. Nru. 26/03 deciza fl-14 ta' Mejju 2010 annessa mar-Risposta bhala Dok. "C" a fol. 74 u 75 tal-process, ampjament jirrizulta li dan ma kienx il-kaz. Jirrizulta b'mod car li r-Rikorrent ma jgawdi minn ebda beneficcju taht l-Artikolu 66 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta stante li nstab hati mad-Diretturi l-ohra ta' *fraudulent trading* fil-konfront tal-kredituri tas-socjetà Priceclub Operators Limited; u (iii) it-Tribunal ma huwiex il-forum idoneju biex jilqa' t-talba kontenuta fit-tieni paragrafu tar-Rikors stante li dan it-Tribunal (u l-Bord qablu) ma jistax jinibixxi lill-Kummissarju milli johrog Mandati ezekuttivi. Quddiem dan it-Tribunal ir-Rikorrent ma jistax jerga' jiftah proceduri ta' appell li ghaddew in gudikat fl-2004 billi jallega nuqqas ta' smigh xieraq u ksur tal-principji tal-gustizzja naturali. Apparte minn hekk it-terminu ta' l-appell ilu li skada u se mai ai termini tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta kellu jsir quddiem il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri).

It-Tribunal ser jittratta l-ewwel il-kwistjoni tal-korrezzjoni fit-titolu tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud mitluba mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) fir-Risposta tieghu ghar-Referenza tar-Rikorrent. Filwaqt li huwa minnu li fiz-zmien tal-prezentata ta' l-imsemmija Risposta, a tenur ta' l-Att XXII ta' l-2011 li dahal fis-sehh in forza ta' l-Avviz Legali 16 ta' l-2012, il-Kummissarju tat-Taxxi kien iddelega l-funzjonijiet u doveri tieghu nascenti mill-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), miz-zmien tal-prezentata tar-Risposta tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) fit-8 ta' Gunju 2012 'l hawn, u senjatament b'effett mis-27 ta' Gunju 2014, il-Kummissarju tat-Taxxi assuma mill-gdid is-setghat nascenti mill-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta precedentement delegati fuq id-Direttur Generali (Taxxa fuq

il-Valur Mizjud)[9]. Detto ciò, fi kwalunkwe kaz a tenur tar-Regolamenti dwar l-Ekwivalenza ta' Certi Referenzi ghall-Karigi fid-Dipartimenti tat-Taxxa, Legislazzjoni Sussidjarja 517.01, it-termini Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) huma entrambe ekwivalenti ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi ghat-terminu Kummissarju tat-Taxxi. Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk, it-Tribunal iqis li ma hi mehtiega ebda korrezzjoni fl-okkju u fl-atti ta' dawn il-proceduri.

Qabel ma jittratta l-kwisjonijiet sollevati mir-Rikorrent fir-Rikors promotur u minnu ulterjorment elucidati quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud waqt is-seduta tat-28 ta' Novembru 2006, it-Tribunal ihoss li ghandu jittratta l-kwistjoni tan-nuqqas ta' kompetenza tat-Tribunal sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi.

Fir-Risposta tieghu l-Kummissarju tat-Taxxi eccepixxa li *dan il-forum mhux dak idoneju biex jilqa' t-talba kkontenuta fit-tieni paragrafu ta' II tar-Rikors billi jitlob li dan it-Tribunal (Board) jinibixxi lill-appellat milli johrog mandati ezekuttivi. Ma jistax quddiem it-Tribunal, l-appellant jerga' jiftah proceduri ta' Appell li ghaddew in gudikat fis-sena 2004 billi jallega nuqqas ta' smigh xieraq u ksur tal-principji tal-gustizzja naturali. Illi in oltre t-terminu ta' l-appell ilu li skada u semmai ai termini tal-Kap.406 kellu jsir quddiem il-Qorti ta' l-Appell Sede Inferjuri*[10].

Fir-rigward fin-Nota Responsiva tieghu l-Kummissarju tat-Taxxi jissottometti ulterjorment illi *dan l-Onorabbli Tribunal ma ghandux gurisdizzjoni jisma' l-kaz de quo u dan stante dak li jistipola l-artikolu 5(2) tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jistipola illi: (2) It-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva ma jkollux kompetenza generali jirrevedi atti amministrattivi li jistghu jigu riveduti skont l-artikolu 469A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili izda jkollu l-kompetenza li jirrevedi dawk l-atti amministrattivi kif jista' jigi preskritt f'dan l-Att jew tahtu jew kull ligi ohra li tistabilixxi l-kompetenza tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva fuq xi klassi ta' atti amministrattivi. L-appellat ma jistax jifhem il ghala l-appellant ghogbu jintavola dan l-appell quddiem dan l-Onorabbli Tribunal meta simultanejament qieghed jattakka l-avviz (demand note) u l-ittra ufficjali mahruga sussegwentement mill-esponenti f'kawza intavolata quddiem l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili ppreseduta mill-Onorevoli Imhallef Silvio Meli a bazi ta' l-artikolu 469A u B tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta. Ergo, l-appellanti jaf fejn ghandu jirrikorri ghal rimedju u cioè quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili li fil-fehma ta' l-appellanti hija l-Qorti li hija kompetenti sabiex tisma' l-kaz tieghu u jekk ikun il-kaz taghtih ir-rimedju illi jippretendi li jgawdi. Illi jsegwi illi l-appell in ezami intavolat quddiem dan l-Onorabbli Tribunal huwa kaz car ta' forum shopping u fuq l-*

[9] B'Ordni ta' Assunzjoni mill-Gdid ta' Funzjonijiet ippubblikata fil-harga tal-Gazzetta tal-Gvern tat-8 ta' Awwissu 2014.
[10] Para. iii tar-Risposta tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), fol. 35 tal-process.

*iskorta ta' kazijiet decizi minn dan l-Onorabbli Tribunal ghaldaqstant jigi sottomess, bir-rispett kollu dovut illi ghandu jiddeklina milli jisma' l-appell de quo stante illi m'ghandux il-kompetenza li jisimghu. Illi jigi ribadit illi bil-ligi attwalment in vigore, bil-hrug ta' l-ittra ufficjali surreferita li hareg l-appellat in segwitu ghall-avviz surreferit, tali azzjoni legali li ha l-appellant fil-konfront ta' l-appellat tmur lil hinn mill-kompetenza ta' dan l-Onorabbli Tribunal li din il-parti ssostni m'ghandux il-kompetenza li jisma' l-kaz ta' l-appellant*[11].

It-Tribunal però ma jaqbilx ma' l-arugmenti avvanzati mill-Kummissarju tat-Taxxi in sostenn ta' l-eccezzjoni tieghu tan-nuqqas ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal biex jittratta u jiddetermina r-Referenza avvanzata mir-Rikorrent partikolarment fejn jitlob li huwa jinghata smigh xieraq qabel ma l-Kummissarju jipprocedi bil-hrug ta' Mandati Ezekuttivi fil-konfront tieghu.

Jibda biex jigi osservat li l-Kummissarju tat-Taxxi jinjora l-fatt li bejn il-prezentata ta' dawn il-proceduri u l-prezentata tal-proceduri istitwiti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet "XXX v. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud" Citaz. Nru. 826/05[12], hemm ben hames xhur, kwindi altru milli z-zewg proceduri in kwistjoni gew istitwiti mir-Rikorrent simultanejament. It-Tribunal lanqas ma jaqbel mal-Kummissarju li l-fatt li r-Rikorrent istitwixxa zewg proceduri separati li bihom jikkontesta l-istess interpellazzjoni tal-Kummissarju jikkostitwixxi *forum shopping* da parte tar-Rikorrent. Mill-atti processwali jirrizulta b'mod car li r-Rikorrent istitwixxa l-proceduri odjerni **fl-14 ta' April 2005** wara li gie notifikat bl-avviz (ossia *demand note*) datat 11 ta' Marzu 2005 u istitwixxa l-proceduri quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-**9 ta' Settembru 2005**[13] wara li l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fit-13 ta' April 2005 ipproceda ghall-esekuzzjoni tat-titolu minnu vantat fil-konfront tar-Rikorrent u pprezenta ittra ufficjali fil-konfront tieghu, li giet lilu notifikata **fis-16 ta' April 2005**, ossia wara li gew istitwiti l-proceduri odjerni.

B'hekk bil-proceduri odjerni quddiem dan it-Tribunal ir-Rikorrent qed jikkontesta **biss** l-avviz datat 11 ta' Marzu 2005 u mhux ukoll l-ittra ufficjali datata 13 ta' April 2005, liema ittra ufficjali (u naturalment l-avviz ossia *demand note* wkoll ghaliex ma setghax ikun mod iehor) qed tigi kontestata bil-proceduri opportuni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili. Ladarba bil-proceduri odjerni r-Rikorrent qed jikkontesta l-avviz (ossia *demand note*) biss u mhux ukoll l-ittra ufficjali datata 13 ta' April 2005, il-principju enuncjat mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenzi esebiti minn Roderick Sultana in rapprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi waqt is-seduta tat-2 ta'

---

[11] Para. 19 sa' 23 tan-Nota Responsiva tal-Kummissarju tat-Taxxi, fol. 175 u 176 tal-process.
[12] Dok. 3 a fol. 119 sa' 125 tal-process.
[13] *Ibid.*

Mejju 2016[14], dwar sa' fejn twassal il-kompetenza ta' dan it-Tribunal, ma jsibx applikazzjoni fil-kaz in ezami stante li l-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) enuncjat dak il-principju – li in verità già kien gie enuncjat minn dan it-Tribunal u in segwitu kkonfermat mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) – fil-kuntest ta' proceduri li gew istitwiti quddiem it-Tribunal **wara l-hrug u notifika** ta' ittra ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 59 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux wara il-hrug u notifika ta' avviz ossia *demand note*.

Fil-fehma tat-Tribunal rapprezentant ta' *taxpayer* li qed jinzamm solidalment responsabbli flimkien mat-*taxpayer* a tenur ta' l-Artikolu 66 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-hlas tat-taxxa, multi amministrattivi w imghax, jista' entro certu limiti jikkontesta *demand note* mahruga fil-konfront tieghu li biha ikun qed jigi mitlub ihallas tali taxxa, multi amministrattivi w imghax. Dana jista' jsir – hekk kif fil-fatt ghamel ir-Rikorrent fil-kaz in ezami – permezz ta' Referenza quddiem it-Tribunal (u il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud qablu) a tenur ta' l-Artikolu 44 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta. L-imsemmi artikolu tal-Ligi jipprovdi dwar diversi kwistjonijiet li jistghu jitressqu permezz ta' Referenza quddiem it-Tribunal liema kwistjonijiet jistghu jigu riferiti *lit-Tribunal minn kull persuna li turi ghas-sodisfazzjoni tat-Tribunal li ghandha interess dirett f'dik il-kwistjoni jew mill-Kummissarju.*

Il-principju li persuna meqjusa solidalment responsabbli flimkien mat-*taxpayer* a tenur ta' l-Artikolu 66 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta tista, entro certu parametri, tikkontesta w addirittura tilqa' ghal interpellazzjoni ghall-hlas maghmula lilha mill-Kummissarju tat-Taxxi, in forza tal-procedura ta' Referenza a tenur ta' l-Artikolu 44 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, già gie enucjat mit-Tribunal fid-decizjonijiet fl-ismijiet **Adriana Camilleri Vassallo v. Director General (Value Added Tax), Application No. 238/12** deciza fis-6 ta' Frar 2014 u **Henri Mattocks v. Direttur Generali (Taxxa Fuq il-Valur Mizjud), Rik. Nru. 274/12** deciza fl-24 ta' April 2017.

Hija din il-procedura li taghti lil dik il-persuna – ossia lir-Rikorrent fil-kaz in ezami – l-opportunità u l-possibilità li tressaq difiza favur taghha biex turi li nonostante dak provdut fis-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 66 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, hija ghandha titqies responsabbli sal-limiti, jew addirittura ezenti minn kull responsabilità, stabiliti fis-subartikolu (5) ta' l-Artikolu 66 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fil-fehma tat-Tribunal din l-osservazzjoni hawn appena maghmula tindirizza u taghti risposta effettiva lill-kwezit post mir-Rikorrent fil-paragrafu II tar-Rikors promotur fejn appuntu jsostni li: *indipendentement minn kull dritt ta' smigh fil-proceduri li ttiehdu kontra s-socjetà Priceclub Operators Limited,*

[14] Dok. "A" sa' Dok. "D" a fol. 153 sa' 160 tal-process.

*is-subartikolu (5) ta' l-artikolu (6)* [recte: 66] *ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud jipprovdi li rapprezentant ai termini ta' l-istess artikolu jkollu responsabbiltà solidali mal-persuna li qieghed jirrapprezenta ghat-taxxa dovuta minn dik il-persuna biss sakemm ma jkunx agixxa in bona fede u jkun xejntement ikkontravjena is-subartikolu (4) ta' l-istess artikolu jew kull obbligazzjoni ohra taht l-istess Att, f'liema kaz ir-responsabilità tieghu taht dan is-subartikolu ghandha tkun limitata ghall-flus jew ghall-valur tal-proprjetà li huwa jkun qieghed jamministra jew jikkontrolla li tkun ta' persuna jew dovuta lil persuna li huwa jkun ir-rapprezentant taghha. Jigi umilment sottomess illi ghaldaqstant, sabiex jigu stabbiliti r-responsabilitajiet personali tar-rapprezentant, jehtieg ezami tal-fatturi elenkati mis-subartikolu citat, f'liema ezami l-esponent ghandu dritt ghal smigh xieraq, liema dritt jigi vjolat f'kaz illi l-Kummissarju intimat jghaddi ghall-hrug ta' mandati ezekuttivi fil-konfront tieghu kif dikjarat fil-korrispondenza citata* (ossia l-avviz datat 11 ta' Marzu 2005)*;hawn ukoll, dan huwa punt ta' ligi li ma johrogx mill-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, illi ma jipprovdi ghal ebda dritt ta' smigh f'kazijiet simili, izda li johrog mill-principji ta' gustizzja naturali kif ukoll mid-dritt ghal smigh xieraq illi l-esponent igawdi sija ai termini tal-Kostituzzjoni ta' Malta u sija ai termini ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap.319 tal-Ligijiet ta' Malta).*

Filwaqt li evidentement bir-referenza quddiem it-Tribunal ir-Rikorrent ma jistax jerga' jiftah kwistjonijiet già determinati fl-appell fl-ismijiet "Priceclub Operators Limited v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud" deciz mill-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fit-22 ta' Gunju 2004, b'dawn il-proceduri minnu istitwiti jista' iressaq provi fir-rigward ta' l-ezistenza u etensjoni o meno ta' responsabilità solidali tieghu mas-socjetà Priceclub Operators Limited *qua* Direttur ta' l-imsemmija socjetà fiz-zmien rilevanti.

Sa' dan l-istadju l-partijiet kontendenti u b'mod partikolari r-Rikorrent, ma ressqux wisq provi fir-rigward tar-responsabilità tar-Rikorrent flimkien mas-socjetà Priceclub Operators Limited u l-estensjoni ta' tali responsabilità u waqt it-trattazzjoni orali finali d-difensur tar-Rikorrent issottometta li tali provi ma tressqux quddiem dan it-Tribunal fil-kuntest ta' dawn il-proceduri ghaliex skontu dan it-Tribunal ma huwiex il-forum kompetenti biex jikkonsidra tali provi; osservazzjoni u konsegwenti sottomissjoni din li fid-dawl ta' dak appena osservat tirrizulta ghal kollox zbaljata. Jigi ribadit li dan it-Tribunal (u l-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud qablu) huwa effettivament il-forum idoneju fejn rapprezentant tat-*taxpayer* ritenut solidalment responsabbli flimkien mat-*taxpayer* ghall-hlas ta' taxxa, multi amministrattivi u imghax a tenur ta' l-Artikolu 66 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, jista', entro certu limiti, jikkontesta pretensjoni maghmula fil-konfront tieghu mill-Kummissarju permezz ta' avviz, ossia *demand note*.

Fil-fehma tat-Tribunal ghalhekk il-partijiet kontendenti ghandhom jinghataw l-opportunità jressqu l-provi rispettivi taghhom fir-rigward tar-responsabilità

solidali tar-Rikorrent mas-socjetà Priceclub Operators Limited u l-estensjoni ta' l-istess. Tali opportunità tista', anzi ghall-ekonomija tal-gudizzju ghandha, tinghata fil-kuntest ta' dawn il-proceduri stante li fl-ahhar mill-ahhar wahda mit-talbiet tar-Rikorrent hija appuntu sabiex it-Tribunal jirrevoka, jannulla u jhassar l-interpellazzjoni maghmula lilu mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud permezz ta' l-avviz datat 11 ta' Marzu 2005.

Detto ciò u ghalkemm it-Tribunal iqis li entro l-parametri hawn fuq imsemmija huwa kompetenti sabiex jittratta u jiddeciedi Referenza dwar *demand note* mibghuta u notifikata lil rapprezentant tat-*taxpayer*, f'dan il-kaz partikolari qed tigi sollevata kwistjoni ohra mir-Rikorrent fir-rigward ta' liema t-Tribunal iqis li ma huwiex kompetenti biex jittratta u jiddetermina l-istess.

Ma hemmx dubju li s'issa r-Rikorrent xehet l-enfasi principali tas-sottomissjonijiet tieghu fuq l-affermazzjoni li huwa kellu jinghata smigh xieraq waqt il-proceduri ta' l-appell fl-ismijiet "Priceclub Operators Limited v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud" deciz mill-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fit-22 ta' Gunju 2004. Ir-Rikorrent jikkontendi li huwa ma giex moghti smigh fl-imsemmija proceduri, wisq inqas smigh xieraq, bil-konsegenza ghalhekk li mhux biss gew ivvjolati l-principju ta' gustizzja naturali talli gie vjolat dritt esplicitament rizultanti mill-Kostituzzjoni u mill-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, Kap.319 tal-Ligijiet ta' Malta.

Waqt is-seduta mizmuma quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fit-28 ta' Novembru 2006, ir-Rikorrent, tramite d-difensur tieghu, ulterjorment spjega u ccara li l-ewwel punt fuq liema hija bbazata l-kontestazzjoni tieghu hu li *wara li harget l-istima u sar l-appell, l-appellant bhala wiehed mid-diretturi qatt ma gie ikkonsultat mill-likwidatur jew mill-Kummissarju tal-VAT dwar il-kaz u lanqas inghata l-opportunità li jidher, jitkellem jew jaghmel xi sottomissjonijiet waqt is-smigh ta' l-appell tas-socjetà Price Club Operators Ltd. li taghha legalment kien ghadu direttur.* ***F'dan il-lok l-appell ghandu jerga' jinstema mill-gdid minhabba li ma kienx hemm smigh xieraq***[15].

Fil-fehma tat-Tribunal jirrizulta evidenti li r-Rikorrent jikkontendi li gie vjolat id-dritt tieghu ghal smigh xieraq waqt il-proceduri ta' l-appell fl-ismijiet "Priceclub Operators Limited v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud" u konsegwentement jitlob bhala rimedju s-smigh mill-gdid ta' l-appell biex b'hekk hu jinghata l-opportunità jressaq il-provi u sottomissjonijiet tieghu. Din il-kontestazzjoni partikolari tar-Rikorrent però ma tistax u bhala fatt ma ghandhiex tigi trattata u determinata minn dan it-Tribunal in kwantu tali kwistjoni u konsegwenti determinazzjoni ma taqax entro l-kompetenza Tieghu.

---

[15] Enfasi tat-Tribunal.

Huwa principju fondamentali li allegazzjoni ta' ksur ta' wiehed mid-drittijiet fondamentali tal-bniedem – in kwantu d-dritt ghal smigh xieraq ma huwiex biss wiehed mill-principji ta' gustizzja naturali, izda huwa dritt fundamentali sancit fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, introdotta fil-legislazzjoni nostrali bis-sahha ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, Kap.319 tal-Ligijiet ta' Malta – ghandha tigi diretta quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili, fil-kompetenza Kostituzzjonali taghha, sabiex tittratta u tiddetermina tali allegazzjoni. Din ir-regola procedurali tohrog b'mod car mill-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u mill-Artikolu 4 tal-Kap.319 tal-Ligijiet ta' Malta. B'hekk it-Tribunal necessarjament ghandu jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-kwistjoni posta quddiemu mir-Rikorrent bil-proceduri odjerni ta' Referenza a tenur ta' l-Artikolu 44 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn appuntu jallega l-vjolazzjoni tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq waqt il-proceduri ta' l-appell fl-ismijiet "Priceclub Operators Limited v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud" deciz mill-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fit-22 ta' Gunju 2004.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta jiddeciedi billi;

1. Jiddikjara li ma huwiex kompetenti biex jittratta u jiddetermina l-allegat ksur tad-dritt ta' smigh xieraq tar-Rikorrent waqt is-smigh ta' l-appell fl-ismijiet "Priceclub Operators Limited v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud" deciz mill-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fit-22 ta' Gunju 2004;
2. Konsegwentement jastjeni milli jiehu konjizzjoni ta' din il-kwistjoni partikolari posta quddiemu mir-Rikorrent bil-proceduri odjerni ta' Referenza a tenur ta' l-Artikolu 44 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Jiddikjara però li persuna meqjusa bhala rapprezentant ta' *taxpayer* a tenur ta' l-Artikolu 66 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta u b'hekk tenuta solidalment responsabbli mat-*taxpayer* ghall-hlas ta' taxxa, multi amministrattivi w imghax dovuti mit-*taxpayer* ghandha dritt tressaq kwistjonijiet u kontestazzjonijiet, entro certo limiti, dwar *demand note* mibghuta u notifikata lilha quddiem dan it-Tribunal permezz tal-procedura ta' Referenza a tenur ta' l-Artikolu 44 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Jiddikjara konsegwentment li Huwa ghandu l-kompetenza mehtiega sabiex jittratta u jiddetermina l-kwistjoni posta quddiemu mir-Rikorrent bil-proceduri odjerni koncernanti r-responsabilità solidali tieghu mas-socjetà Priceclub Operators Limited ghall-hlas ta' taxxa, multi amministrattivi w imghax dovuti mill-imsemmija **u** l-estensjoni ta' tali responsabilità solidali; u
5. Konsegwentement jordna l-prosegwiment tal-kawza relattivament ghall-provi u sottomissjonijiet finali fir-rigward tar-responsabilità solidali tar-Rikorrent flimkien mas-socjetà Priceclub Operators Limited ghall-hlas ta' taxxi, multi amministrattivi w imghax dovuti mill-imsemmija socjetà **u** l-estensjoni ta' tali responsabilità solidali.

It-Tribunal jirriserva li jipprovdi dwar il-kap ta' l-ispejjez fil-gudizzju finali.

A tenur ta' l-Artikolu 5(3) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jordna li kopja ta' din is-sentenza ghandha tigi komunikata lir-Rikorrent u lill-Kummissarju tat-Taxxi.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**